MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 128/2003/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Andrew Cilia abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Andrew Cilia**

**vs**

**Simon Tabone**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' April, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici noe et talbet sabiex prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-

Ligi, il-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u seba' centezmi (Lm2028.07), in kwantu ghall-ammont ta' elf disa, mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u seba' centezmi (Lm1953.07), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Andrew Cilia, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75.00) lill-attur Andrew Cilia ammont rapprezentanti *excess payment* mill-konvenut mhallas, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilisitku li sehh fit-12 ta' April 2002 ghall-habta ta' 7.15p.m. gewwa Triq id-Dejma, Fgura, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NAD 279 proprjeta' ta' l-attur Andrew Cilia, misjuqa minn Nadia Cilia u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni KAD 838, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2002, u ta' l-ittra ufficjali li inbaghtet fid-data tal-avviz lis-socjeta' Untours Insurance Agents Ltd bhala agenti tas-socjeta' estera Qatar Insurance Company, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2002, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi r-rikors a fol 10 tal-atti li, sallum ma kienx notifikat kif ordnat oltre l-verbal tas-seduta tallum;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talbiet attrici, liema nota giet presentata llum stess, "seduta stante";

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas kwantu ghal Lm1953.07 lis-socjeta attrici nomine, kwantu ghal Lm75 lill-attur Andrew Cilia, b'kollox Lm2028.07,0 oltre l-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv

kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura inkuzi dawk tal-ittri ufficjali tat-18 ta' Novembru 2002 u tal-25 ta' Frar 2003, imsemmijin fl-istess avviz."

Minn din is-sentenza gie introdott appell mis-socjeta` Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company bhala terza parti interessata. L-aggravju taghha jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti baqghet ghaddejja l-quddiem ghas-sentenza minghajr ma tatha l-opportunita` li tintervjeni kif hekk talbet permezz ta' rikors appozitu. Hi tilmenta li l-ewwel Qorti injorat ghal kollox din it-talba taghha u la laqghetha u lanqas cahditha.

Inoltre hi ssostni, dejjem fuq l-istess tema, illi qua assikuratrici tal-vettura misjuqa mill-konvenuta u in vista li giet ukoll notifikata b'ittra ufficjali fit-termini tal-Kap 104, hi kellha interess fil-kawza billi s-sentenza setghet tigi ezegwita direttament fil-konfront taghha.

Ir-risposta tal-atturi appellati hi hekk raffigurata:-

1. L-inappellabilita` tas-sentenza. Dan ghar-raguni illi l-Art. 228 (1) tal-Kap 12 ma jippermettix appell minn sentenza li tkun inghatat fuq ammissjoni tal-konvenut, kif hekk kien il-kaz in ispece.

2. Is-socjeta` appellanti ma ghandhiex interess guridiku biex tipproponi l-appell ai termini tal-Artikolu 236 tal-Kap 12. Huma jissottomettu f'dan il-kuntest illi l-aktar li tista' tipprofessa s-socjeta` appellanti huwa interess fl-ezitu tal-proceduri imma ma tistax tivvanta interess fit-termini tal-kawza kif proposta.

3. Dippju anke fir-rigward tal-ezitu dan l-istess interess guridiku jibqa' mankanti meta l-materja tigi vizwalizzata mid-disposizzjonijiet tal-Kap 104, senjatament l-Artikolu 12 tieghu.

4. Dak pretiz mis-socjeta` appellanti fl-ahhar paragrafu tar-rikors tal-appell taghha hu legalment erroneu billi fih qed tigi kontemplata sitwazzjoni fejn l-intervjenti jista' jigi

kkundannat ghal, jew liberat minn, l-osservanza tat-talbiet attrici.

5. Is-socjeta` appellanti naqset li tiehu kura illi tara li d-digriet tal-ewwel Qorti li ordnat in-notifika tar-rikors taghha ghall-intervent fil-kawza jigi diligentement prosegwit.

L-appell odjern u t-twegiba ghalih mill-atturi appellanti joffru certament aspetti ta' indoli procedurali ferm interessanti. Forsi jkun opportun qabel xejn illi jigu delinejati dawn ic-cirkostanzi emanenti mill-atti processwali quddiem l-ewwel Qorti:-

1. Fit-18 ta' Marzu 2003 is-socjeta` appellanti ntavolat rikors biex tigi ammessa tintervjeni 'in statu et terminis'. L-ewwel Qorti ordnat in-notifika tieghu li baqghet ma saretx;

2. Fit-2 ta' April 2003 permezz ta' Nota l-konvenut ammetta t-talba attrici kif dedotta;

3. Fl-istess jum l-ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza;

4. Tajjeb li jigi osservat illi skond ma jinghad fil-verbal tal-istess 2 ta' April 2003 s-socjeta` attrici ma opponietx ruhha ghal dak mitlub fil-precitat rikors tat-18 ta' Marzu 2003 u jinghad ukoll illi saret trattazzjoni dwaru. Eppure, kif rilevat, l-Qorti nferjuri ghaddiet minnufih ghas-sentenza. Dan, minghajr ma ddegretat b'mod finali l-istess rikors u minghajr minimu accenn dwaru fis-sentenza.

Issa l-Artikolu 236 tal-Kap 12 jipprovdi ghall-ammissibilita` ta' l-appell mhux biss mill-partijiet fil-kawza imma wkoll minn kull min ikollu nteress. Dan jidher ukoll mill-kuntest tad-disposizzjonijiet sussegwenti ghal dan l-artikolu, b'mod specjali mid-disposizzjoni ta' l-Artikolu 238.

Din il-kelma "<u>interess</u>" giet interpretata mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' April 1899 in re "**Brockdorff –vs- Pace Balzan**" (**Kollez Vol XVII pIII p15**) fis-sens illi "appena e` necessario di aggiungere che l'interesse, ossia il motivo

della domanda giudiziale deve essere concreto, e sussistere di fronte a colui contro il quale la domanda viene proposta”.  Proprju minn dan allura jista’ johrog l-interess li jissostanzja t-talba u l-appell b’legittimu kontradittur (**Kollez. Vol XXXIII pI p662**).

Dan premess ifisser illi s-socjeta` appellanti, qua terz, trid qabel xejn tissodisfa lill-Qorti li hi ghandha dan l-interess guridiku u attwali li tappella.  Koncettwalment dan hu similment kontemplat mil-ligi taht l-Artikolu 960 tal-Kap 12 ghall-ammissjoni tat-terz bhala intervjenti billi anke hemm hu jehtieglu juri “b’sodisfazzjon tal-qorti li huwa ghandu nteress f’kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra”.

Dan ifisser illi “s-socjeta` appellanti allura, biex teradika l-interess gjuridiku li kienet tehtieg biex tkun intitolata tappella f’kawza li fiha hi ma kienetx parti, trid necessarjament tipprova li hi kellha interess fin-negozju guridiku li ta lok ghall-azzjoni.  Altrimenti, hekk japplika l-principju li tali negozju kien “res inter alios acta” u ma kien bl-ebda mod jinteressaha.  Massima din riflessa fin-norma ta’ l-Artikolu 237 tal-Kap 12 u tipprovdi li s-sentenza ma tista’ qatt tkun ta’ hsara ghal min, la hu nnifsu, lanqas bil-mezz ta’ l-“awturi jew tar-rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b’dik is-sentenza” – “**Joseph Sultana et -vs- L-Avukat Dottor Robert Mangion et noe**”, Appell, 29 ta’ Ottubru 1999.

Inter alia, s-socjeta` appellanti ssostni li dan l-interess taghha johrog mill-fatt illi hi giet debitament informata b’ittra ufficjali bl-azzjoni tas-socjetajiet appellati ghall-finijiet tal-Kap 104, senjatament l-Artikolu 10 (2) tieghu.

Gie a propozitu osservat fis-sentenza a **Vol XLIV pI p88** fl-ismijiet “**Joseph Aquilina –vs- Paul Monreal**”, Appell Civili, 8 ta’ April 1960 fejn incidentalment ukoll kien sar appell minn socjeta` assikuratrici bhala terz interessat, illi “dan il-fatt ikompli jassoda l-interess tal-kumpanija li tinterponi appell taht l-Art. 234 (illum Art 236) fuq imsemmi, ghaliex, bhala effett ta’ dik l-intima, s-sentenza ssir operattiva fil-konfront taghha fit-termini ta’ l-Artikolu 10 fuq citat; u ghalhekk il-kumpanija, in vista tar-

responsabilita` taghha, ghandha l-interess li, jekk jidhrilha, timpunja s-sentenza".

Stabbilit dan, is-socjetajiet appellati jikkontestaw lis-socjeta` appellanti essenzjalment kemm id-dritt innifsu tal-appell in forza tal-Artikolu 228(1) tal-Kap 12 kif ukoll l-interess guridiku, sostrat ta' l-Artikolu 236 tal-Kap 12 in kwantu jsostnu f'din l-ahhar ipotesi illi s-socjeta` appellanti mhux biss ma tistax tipproponi, u tmantni, d-domanda tieghu izda, fuq kollox, illi din l-istess domanda lanqas ma tista' ggibilha rizultament vantagguz jew utli skond il-Kap 104. Elementi dawn li jifformaw il-bazi ta' l-"interess". Ara "**Paolo Borg –vs- Giuseppe Caruana**", Appell Civili, 3 ta' Dicembru 1984 u b'mod partikolari fil-kaz ta' appell "del terzo" "**John Baptist Chiappa et –vs- John A. Formosa noe**", Appell, 6 ta' Gunju 2001.

Kwantu ghall-aspett tal-appellabilita` o meno tas-sentenza hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-fatt illi l-konvenut ammetta t-talba ma jipprekludiex lit-terz interesst milli jipproponi l-appell. Anzi din il-Qorti ma thossx illi l-effetti ta' l-Artikolu 228(1) jistghu jestendu ghal terzi li ma kienux kompartecipi fil-gudizzju. Izzid taggungi ukoll illi allahares l-interpretazzjoni tas-socjetajiet appellati kellha tigi sostenuta jew abbraccjata ghax allura jkun wisq facli illi bi ftehim, jekk mhux ukoll b'kolluzjoni, l-partijiet f'kawza jkunu jistghu jinnewtralizzaw id-dritt tat-terz interessat li jappella. Dan bi pregudizzju serju ghall-jeddijiet tas-socjeta` assikuratrici. Fis-sentenza fl-ismijiet "**Neg. Giovanni Dacoutros –vs- Eustratius Petrococchino**", Appell Kummerc, 27 ta' Gunju 1949 (**Vol XXXIII pI p736**), inghad illi allavolja l-konvenut baqa' kontumaci l-Gvern kellu interess jappella minn sentenza ai termini tal-Art. 236 moghtija f'kawza fejn huwa deherlu li l-konvenut imharrek fiha bhala rapprezentant tal-Gvern ma kellux fil-fatt dik ir-rapprezentanza. Fiha ghalhekk gie ritenut illi l-Gvern kellu dritt jappella avolja f'dik il-kawza ma kellux parti, u avolja dik is-sentenza hija ghalih "res inter alios acta".

Rigwardata taht it-tieni aspett, senjatament l-Art 12 tal-Kap 104, gie sewwa ragunat mis-socjetajiet appellati illi

f’kull kaz is-socjeta` assikuratrici hija obbligata li tindennizza lit-terz danneggjat ghall-hsarat sofferti u dan nonosante kwalunkwe restrizzjoni fil-polza tal-assikurazzjoni relattiva “ghall-eta` ta’ min ikun qed isuq il-vettura” subparagrafu (f) ta’ l-Artikolu 12(1). Ir-rimedju akkordat mil-ligi lis-socjeta` assikuratrici hu biss wiehed ta’ rivalsa kontra l-persuna assigurata.

Din is-sitwazzjoni ma kienetx statutorjament prevvista taht il-Kap 165 kif kien qabel ma nbidel u sar il-Kap 104 attwali u allura s-sentenza fuq accennata tat-8 ta’ April 1960 in re “**Aquilina –vs- Monreal**” trid tinqara fil-parametri tal-ligi kif kienet dakinhar. Dippju f’dak il-kaz ir-raguni avvanzata kienet ghal kollox distinta minn dik tal-kaz prezenti billi hemm is-socjeta` assikuratrici riedet tikkontesta r-responsabilita` ghall-kollizjoni, dak li mhux qed jintalab fl-appell odjern mis-socjeta` appellanti.

Rigwardata allura l-kwestjoni mill-ottika tal-istat attwali tal-ligi fil-Kap 104 hu car illi s-socjeta` appellanti m’ghandhiex dak l-interess attwali sabiex tiggustifika l-appell taghha. Dan ghaliex hi m’ghandhiex interess dirett fil-kreditu li s-socjetajiet appellati ghandhom fil-konfront tal-konvenut. Imbaghad lanqas ma tezisti fl-istat prezenti l-ebda vjolazzjoni attwali jew theddida ta’ vjolazzjoni attwali tad-dritt kompetenti mis-socjeta` appellanti. Dritt li hu konservat u mhares lilha mil-ligi entro parametri ben definiti.

Tajjeb li nigi notat f’dan il-kuntest illi l-interess merament ipotetiku ma huwiex accettabbli in kwantu ma humiex ammissibbli rikonjizzjoni ta’ drittijiet jew kundanni preventivi ‘ad futurum’. Tghodd fir-rigward l-osservazzjoni denotata fis-sentenza fl-ismijiet “**Conte. Paolo Camilleri –vs- Negte. Rosario Denaro et**”, Qorti Kummerc, 8 ta’ April 1884 a **Vol X pagna 446**.

Jonqos allura fl-opinjoni konsiderata ta’ din il-Qorti l-interess reali u attwali fis-socjeta` appellanti biex tipproponi l-appell minnha ntavolat. Minn dak dezunt mill-Kap 104 huwa ovvju illi l-Qorti ma tistax tintrattjeni talba li tippermetti lis-socjeta` appellanti biex, kif jinghad minnha,

l-kundanna mposta fuq il-konvenut fis-sentenza appellata ma tkunx tista' tigi rizarcita direttament minnha. Anke jekk talvolta s-socjeta` appellanti ghandha raguni serja u valida biex il-polza ma tirrispondiex fil-kuntest minnha prospettat din l-istess raguni, kif fuq manifest skond it-test tal-ligi, ma tistax tarresta d-dritt tat-terz danneggjat.

Huwa mbaghad ukoll evidenti hafna illi fuq il-bazi tal-istess kontenzjoni sostenuta minnha, u l-Qorti tenfasizza dan l-aspett partikolari f'dan il-kaz, l-istess socjeta` appellanti ma setghetx lanqas tissodisfa lill-Qorti li kellha "interess" tintervjeni fil-gudizzju a norma tal-Artikolu 960 tal-Kap 12 billi din ma setghetx, fuq dik il-bazi, tiddemostra interess sostanzjali u reali, imma biss interess derivattiv fl-ezitu. Interess li l-ligi specjali (Kap 104) tirrizervalha biss 'ex post facto' l-hlas tar-rizarciment u fil-konfront tal-persuna assigurata.

Din il-Qorti tista' tieqaf hawn in kwantu, fin-nuqqas allura ta' tali interess gjuridiku, ma tistax tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell tas-socjeta` appellanti ghaliex dan ma jissodisfax id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 236 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost mis-socjeta` appellanti bhala terza parti interessata qed jigi michud, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` assikuratrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------